MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2024

Appell Inferjuri Numru 41/2020 LM

**JJ Scerri Company Limited (C 19742)**
*('is-soċjetà rikorrenti')*

***vs.***

**Mario Falzon (K.I. nru. 515972M)**
*('l-intimat')*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-intimat **Mario Falzon (K.I. nru. 515972M)**, mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fis-17 t'April, 2023 [hawnhekk 'is-sentenza appellata']. Bis-sentenza tagħha l-Ewwel Qorti ddeċidiet li l-intimat huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti **JJ Scerri Company Limited (C 19742)** fis-somma

ta' għaxart elef, erba' mija u sitta u tmenin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€10,486.93) bil-VAT inkluż, rappreżentanti l-prezz ta' *appliances* mibjugħa u kkonsenjati lilu *on consignment,* liema *appliances* m'għadhomx fil-pussess tal-intimat, u għalhekk għandhom jitqiesu li ġew mibjugħa; ordnat lill-intimat iħallas dan l-ammont lis-soċjetà rikorrenti flimkien mal-imgħax fuq dan l-ammont, dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-effettiv pagament; ordnat lill-intimat jirritorna lis-soċjetà rikorrenti l-*built-in refrigerator* deskritta aħjar bħala 'Gorenje B/1 Combi Ref (Model RK14256W)', filwaqt li ddeċidiet ukoll li l-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati kwantu għal 83% tal-ammont totali mill-intimat u kwantu għal 17% mis-soċjetà rikorrenti.

**<u>Fatti</u>**

2. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, li pemezz tagħhom talbet li l-intimat jiġi kkundannat iħallas is-somma ta' tnax-il elf, ħames mija u sebgħa u sittin Euro u erba' ċenteżmi (€12,567.04), rappreżentanti l-prezz ta' *appliances* mibjugħa u kkonsenjati lilu fuq inkarigu tiegħu stess, u t-taxxa fuq il-valur miżjud relattiva. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li hija kienet biegħet dawn l-*appliances* lill-intimat *on consignment,* iżda sussegwentement huwa biegħhom lil terzi, u minkejja diversi interpellazzjonijiet sabiex iħallas l-ammont dovut, anke permezz ta' ittra uffiċjali tas-16 ta' Mejju, 2018, huwa baqa' inadempjenti. Is-soċjetà rikorrenti talbet ukoll l-imgħax legali sad-data tal-pagament effettiv, bl-ispejjeż kollha inkluż tal-ittra uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru li hija ntavolat.

3. Fir-risposta tiegħu l-intimat wieġeb li s-soċjetà rikorrenti għandha tesebixxi lista bid-dettalji kollha tal-*appliances* li hija tgħid li ġew konsenjati lilu, u qal li minħabba nuqqas ta' informazzjoni f'dan ir-rigward, huwa qiegħed jirriserva d-dritt li jippreżenta risposta ulterjuri. L-intimat eċċepixxa wkoll li t-talbiet tas-soċjetà rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda kontra tagħha. Qal li peress li l-*appliances* kienu ġew ikkonsenjati lilu *on consignment,* mill-*appliances* konsenjati *on consignment* is-soċjetà rikorrenti kienet ħadet lura ċerti *appliances* li ma kinux inbiegħu, u fis-*showroom* għad fadal is-segwenti *appliances* bil-valuri indikati, u senjatament 2 x HBOB (€280); forn u *microwave simplicity* u HOB (€1,698.47); *built-in refrigerator* (€461.29); *built-in refrigerator* (€544.32); HOB Gorenje stainless steel (€155), u forn Gorenje (€300). L-intimat qal ukoll li Michael Scerri, in rappreżentanza tas-soċjetà rikorrenti, kien tah *payment terms* għal dawk l-*appliances* li jinbiegħu, billi dak dovut jiġi paċut ma' ammont ekwivalenti għal xogħol ta' appalt ta' *internal and external finishings* li l-intimat ġie inkarigat jeżegwixxi f'villa bla isem fi Triq Jean Houel, Birguma, limiti tan-Naxxar, proprjetà tal-istess Michael Scerri u Doreen Scerri, diretturi tas-soċjetà rikorrenti. L-intimat qal li almenu f'żewġ okkażjonijiet, il-partijiet skambjaw riċevuti ta' *appliances* mibjugħa ma' ammonti ekwivalenti ta' xogħol eżegwit fl-imsemmija villa. Finalment l-intimat qal li kwalsiasi ammont dovut minnu huwa inferjuri għal dak reklamat mis-soċjetà rikorrenti.

**<u>Is-Sentenza Appellata</u>**

4. Permezz tas-sentenza mogħtija fis-17 ta' April, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet li għandha tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat, filwaqt li tilqa'

parzjalment it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti, u dan wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

*"**Kunsiderazzjonijiet***

*Tpaċija*

*30. It-tpaċija ossia kompensazzjoni legali hija dik li tirriżulta mill-artikoli 1196 u 1197 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:*

**1196. (1) Meta tnejn min-nies huma debituri lejn xulxin, issir bejniethom tpaċija.**

**(2) It-tpaċija ssir *ipso jure*, u wkoll mingħajr ma jkunu jafu d-debituri. Hekk kif ikunu jeżistu żewġt idjun fi żmien wieħed, jinqatlu wieħed bl-ieħor sa fejn ikunu ndaqs.**

**1197. (1) It-tpaċija ssir biss bejn żewġt idjun li jkollhom it-tnejn bħala oġġett somma ta' flus, jew kwantità determinata ta' ħwejjeġ funġibbli tal-istess speċi, u li jkunu t-tnejn likwidi u li jistgħu jintalbu.**

**(2) Id-dejn hu likwidu meta hu ċert ukoll f'dik li hija kwantità.**

*31. Kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet: **Howard Whitton et v. June Laferla** (Rik. Nru. 967/08 TA, 07/07/2017):*

"12. Illi t-tpaċija tista' titqies bħala ħlas reċiproku li jitfi ż-żewġ obbligazzjonijiet (jekk ikunu ndaqs) fl-istess waqt. Jekk kreditu wieħed ikun akbar mill-ieħor, it-tpaċija sseħħ sal-ammont tal-anqas wieħed u l-obbligazzjoni tibqa' skont kemm l-akbar kreditu jkun jisboq 'il dak li jkun iċken.

13. Illi l-liġi tagħna tagħraf żewġ għamliet ta' tpaċija: dik *ex lege* u dik konvenzjonali, li ma toqgħodx għar-regoli tal-ewwel forma, imma tiddependi biss mir-rieda tal-partijiet li jiftehmuha. Biex tista' sseħħ it-tpaċija jeħtieġ jintwera li (a) ikun hemm żewġt idjun fl-istess waqt (ukoll jekk mhux tal-istess qies jew valur), (b) li jirreferu għal tnejn min-nies li huma debitur u kreditur reċiprokament ta' xulxin, (ċ) li jkunu omoġenji (jiġifieri, jkollhom bħala oġġett il-ħlas ta' flus jew ħaġa oħra funġibbli); (d) li jkunu likwidi jew jistgħu jkunu likwidati bla taħbit kbir u jkunu ċerti wkoll f'dik li hija kwantità; u (e) li d-djun ikunu dovuti jew jistgħu jintalbu."

*32. L-intimat* in primis *qed jeċċepixxi li kwalunkwe ammont li huwa dovut jagħti lir-rikorrenti, li skont hu huwa dak ta' €4,208.95 (jekk ir-rikorrenti tieħu lura l-*appliances *li għandu fix-*showroom*), għandu jkun paċut ma'* "ammont ekwivalenti għal xogħol ta' appalt (internal and external finishings) li l-istess intimat ġie ingaġġat iwettaq fil-villa ta' Michael Scerri u martu Doreen Scerri ġewwa l-Birguma."

*33. Kif inhuwa magħruf it-tpoaċija huwa mod ta' kif obbligazzjoni tista' tiġi estinta, bħal ma huma l-pagament u n-novazzjoni, u bħala tali trid għalhekk tiġi ppruvata minn min jallegaha.*

*34. Issa l-intimat qed jallega li fil-bidu nett tar-relazzjoni kummerċjali li nibtet mal-kumpannija rikorrenti, Michael Scerri li jiġi r-raġel ta' waħda mid-diretturi u l-azzjonista maġġoritarja tal-kumpannija rikorrenti (i.e. Doreen Scerri) ippreżenta ruħhu bħala direttur u proprjetarju tal-kumpannija u laħaq ftehim miegħu sabiex il-bilanċ li jkun dovut għax-xiri ta'* appliances *(kemm dawk li jinxtraw direttament u kemm dawk li jinxtraw b'mod tardiv wara li jkunu ġew ikkonsenjati* on consignment) *jiġi paċut mal-ammonti dovuti lill-intimat għal xogħlijiet ta' finishes li qabbduh jagħmel Michael u Doreen Scerri fil-villa tagħhom fil-Birguma. Kemm Michael u kemm Doreen Scerri jiċħdu li qatt kien hemm xi ftehim ta' din in-natura, ossia ftehim ta' tpaċija konvenzjonali.*

*35. In sostenn tal-allegazzjoni tiegħu l-intimat jgħid illi:*

1. *għandu fil-pussess tiegħu email mibgħuta mir-rikorrenti li turi illi mill-kont kurrenti hija kienet naqqset ammont li kien dovut lill-intimat bħala depożitu għax-xogħlijiet tiegħu fil-villa. Din l-email baqgħet* ***ma ġiet qatt esebita*** *fl-atti.*
2. *fil-bidu, peress illi ma kienx hemm kontijiet min-naħa tiegħu, huwa kien dejjem iħallas lir-rikorrenti peress illi l-bilanċ ikun favur il-kumpannija. Huwa qal illi* "meta jiftlilna konna niltaqgħu u naraw il-kontijiet u l-bilanċi jkunu li jien għandi nħallas ..." *Skont hu l-problemi bdew meta beda jeżegwixxi x-xogħlijiet li ġie mqabbad jagħmel, beda jitilgħu l-ammonti dovuti lilu u eventwalment il-bilanċ beda jkun favurih:* "Taqta' kemm għandi ntiha, taqta' li għandi nieħu minn għandu u nħallas id-differenza. Meta hi ġiet il-kumpannija għandha tagħti lili, hemmhekk inqalgħu l-problemi."
3. *Qal ukoll illi* ***Michael u Doreen Scerri*** *għad baqalhom iħallsuh xi €61,000 għax-xogħlijiet li wettaq. Però l-Qorti tqis li* ***ma esebixxa l-ebda fattura jew prospett*** *li turi l-kontijiet li allegatament ħareġ għax-xogħlijiet li allegtament wettaq.*
4. *fir-rigward tal-korrispondenza esebita minn Michael Scerri li turi l-intenzjoni ta' dan illi l-kontijiet għax-xogħlijiet fil-villa jinżammu separati mill-ammonti dovuti lill-kumpannija, l-intimat qal illi Michael Scerri kien jgħid ħaġa u jagħmel oħra u li l-korrispondenza bdiet fl-2018 meta kien diġà feġġ diżgwid bejn il-partijiet. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li filwaqt li huwa minnu li xi korrispondenza tidher li ntbagħtet fi żmien meta r-relazzjoni bejn il-partijiet kienet diġà sfaxxat, madanakollu mhux l-istess jingħad għall-email li Michael Scerri bagħat lill-intimat fil-****21 ta' Awwissu, 2017*** *(fn. 16 fol. 68) fejn fiha kien*

*qallu: "...* Please bring with you all the quotes, bills and receipts together with any agreements you did with the agencies/workers etc that you appointed to carry out the works. Once again I advise you to keep this separate from JJ Scerri Company Limited". *Din l-email ġiet imwieġba mill-intimat u ma ġietx innegata minnu.*

*36. Il-Qorti tikkunsidra illi ma tressqet l-ebda prova, imqar minima, ta' dan l-allegat ftehim ta' tpaċija. Min-naħa l-oħra hemm kollox x'juri illi tali ftehim ma seta' qatt ikun fis-seħħ billi:*

1. *jekk* gratia argomenti *kien hemm xi ftehim ta' dik ix-xorta, dan ma kienx bejn il-kumpannija rikorrenti u l-intimat iżda jekk xejn bejn Michael Scerri u l-intimat. Dan qed jingħad għaliex Michael Scerri la kien direttur tal-kumpannija rikorrenti u lanqas kien aġent b'xi setgħa illi jorbot lill-kumpannija bi ftehim ta' dik ix-xorta. Minkejja l-allegazzjonijiet tal-intimat, l-unika poter li jidher li kellu Michael Scerri kien dak illi jinnegozja l-bejgħ tal-prodotti tal-istess kumpannija.*
2. *ma hemmx prova tal-ammont allegatament dovut lill-intimat ta' €61,000 għax-xogħlijiet li jgħid li wettaq fil-villa ta' Michael u Doreen Scerri.*
3. *fi kwalunkwe każ skont Michael Scerri x-xogħlijiet li saru mill-intimat ma ġewx eżegwiti skont is-sengħa u l-arti mentri skont l-intimat l-ammont rikjest mir-rikorrenti mhuwiex dovut* in toto. *Dan ifisser għalhekk li ċertament iż-żewġ djun,* dato ma non concesso *li jeżistu bejn il-kontendenti, huma kontestati u bħala tali ma jistgħu qatt ikunu suġġett għal tpaċija.*
4. *għalhekk mhuwiex il-każ li bejn il-partijiet jeżistu* ***żewġt*** *idjun fi żmien wieħed li huma likwidi.*

*37. Għaldaqstant il-Qorti sejra tiċħad l-eċċezzjoni ta' tpaċija sollevata mill-intimat.*

Bejgħ on consignment

*38. Hemm qbil bejn il-kontendenti illi din il-kawża tikkonċerna biss dawk l-ammonti allegatament dovuti lir-rikorrenti mill-intimat għall-*appliances *mibjugħa lilu* on consignment. *Li ma jaqblux il-partijiet bejniethom huwa illi kienu ġew miftehma xi kundizzjonijiet partikolari f'dan ir-rigward. Skont Doreen Scerri fil-ftehim* inter alia *suġġett għall-kundizzjoni illi l-*appliances *jinżammu f'kundizzjoni tajba, li ma jistgħux jinbiegħu lil terzi mingħajr il-kunsens tar-rikorrenti, li kull* appliance *li ma tinbiegħx tiġi ritornata lura fl-istess kundizzjoni li tkun ġiet ikkonsenjata u li mal-konsenja tal-*appliances *tinħareġ* delivery order *u fattura bil-kliem* on consignment *li juru l-valur tal-*appliances *mingħajr VAT u li dawn ikunu ġew riċevuti mill-intimat f'kundizzjoni tajba u sodisfaċenti. In kontroeżami però ammettiet li ma kinitx preżenti meta żewgħa*

*ftiehem dawn il-kundizzjonijiet u li tali kundizzjonijiet kienu applikabbli għall-klijenti kollha tal-kumpannija. Min-naħa tiegħu l-intimat jisħaq illi ma kinux ftiehmu fuq xi kundizzjoni partikolari għajr illi l-*appliances *jibqgħu* on display *fix-*showroom *tiegħu u li jibqgħu proprjetà tar-rikorrenti sakemm jew jinxtraw minn terzi (meta allura l-intimat iħallas il-prezz lir-rikorrenti) jew fin-nuqqas jiġu rritornati lura lir-rikorrenti.*

*39. Kif intqal mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fis-sentenza fl-ismijiet:* ***Lt. Col. Gustav Caruana pro et noe v. Air Supplies & Catering Co. Ltd.*** *(App. Nru. 1162/2003/1, 27/05/2005):*

> "Il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merċi 'on consignment' huwa kuntratt mhux ta' bejgħ, imma pjuttost ta' kummissjoni." Dan għaliex il-parti li tirċievi l-merċi ma ssirx proprjetarja ta' dik il-merkanzija bħal ma jiġri f'każ ta' bejgħ, iżda għandha biss min-natura ta' depożitarju l-obbligu li, mal-bejgħ ta' dik il-merkanzija lil terzi persuni bil-prezz minnha konvenut ma' dawk it-terzi, tħallas lid-depożitant il-prezz oriġinarjament konvenut għal dik il-merkanzija hekk mibjugħa. Il-prezz li tirċievi l-merkanzija 'on consignment' hija għalhekk il-kustodja ossia depożitarja ta' dik il-merkanzija."

*40. Fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Kummerċ fl-ismijiet:* ***Anthony Ruggier noe v. Francis Refalo*** (*Vol. 49E (1965) Pt. 3, P. 1128, 18/02/1965) ingħad illi:*

> "Il-kuntratt ta' spedizzjoni ta' merċi 'on consignment' huwa kuntratt mhux ta' bejgħ, imma pjuttost ta' kummissjoni u għalhekk il-kreditur għandu dritt jitlob il-prezz tal-merkanzija biss li tkun inbiegħet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbiegħetx."

*41. Fis-sentenza fl-ismijiet* ***Joanna Briffa v. Bernard Gauci et*** *(App. Nru. 1192/2003/1 PS, 22/06/2005) il-Qorti tal-Appell (Inferjuri) qalet illi:*

> "meta jkun hemm bejgħ fuq bażi ta' konsenja, jekk l-oġġett ma jinbiegħx ma jkun irid jitħallas xejn ... il-kreditur għandu dritt jitlob mhux il-prezz tal-merkanzija kollha konsenjata, imma l-prezz tal-merkanzija li tkun inbiegħet, u r-restituzzjoni tal-merkanzija illi ma nbiegħetx. Illi għalhekk trid issir prova li xi merkanzija nbiegħet.
>
> L-attriċi ssostni illi stante li għadda ħafna żmien minn meta l-merkanzija ġiet konsenjata lill-konvenuti allura hija intitolata li tieħu l-prezz tal-oġġetti. It-Tribunal jinnota illi meta l-attriċi kkonsenjat l-affarijiet lill-konvenuti hija kienet taf li f'dak il-mument kien bi ħsiebhom jemigraw lejn l-Amerika u inoltre m'hemm l-ebda deċiżjoni ta' Qorti li ġie stipulat żmien li fih kellhom jiġu

mibjugħa l-oġġetti u fin-nuqqas ta' dan jew li jiġu ritornati jew inkella li l-konvenuti jħallsu l-prezz relattiv.

Il-partijiet ma kinux ftiehmu żmien bejniethom fil-bidunett u konsegwentement ma jistax jingħad illi kien hemm xi bidla fir-relazzjoni ġuridika bejn il-partijiet minn dik li seħħet bejniethom oriġinarjament ... Illi stante li jirriżulta lit-Tribunal li ma kienx hemm bejgħ tal-oġġetti, l-uniku obbligu li kellhom il-konvenuti kien li jirritornaw l-oġġetti lill-attriċi. Effettivament dawn ġew offruti u wara li l-attriċi rrifjutathom, dawn ġew iddepożitati l-Qorti u kopja taċ-ċedola tinsab esebita fl-atti. Illi għalhekk il-konvenuti ssodisfaw l-obbligazzjonijiet tagħhom."

*42. Għalhekk fir-rigward ta' dawk l-*appliances *proprjetà tar-rikorrenti li jinsabu fil-pussess tal-intimat, il-Qorti ma tistax takkorda t-talba tar-rikorrenti għall-ħlas tal-prezz tagħhom għaliex jekk tagħmel hekk tkun qed tmur kontra l-ispirtu tal-ftehim li kien hemm bejn il-kontendenti u ċioe wieħed ta' bejgħ* on consignment.

*43. Fir-rikors promutur ir-rikorrenti tgħid illi l-ammont mitlub jirrappreżenta l-prezz tal-*appliances *mgħoddija* on consignment *lill-intimat u li **<u>ġew mibjugħa</u>** lil terzi. Fil-kawża però l-pożizzjoni tar-rikorrenti kienet kemmxejn differenti:*

1. *Fl-affidavit tagħha Doreen Scerri qalet biss illi f'Novembru 2008 il-ħaddiema tar-rikorrenti marru jiġbru l-*appliances *mix-*showroom *tal-intimat, inħarġu tmien (8)* credit notes *għall-ammont komplessiv ta' €3,348.53 u li* "fadal bilanċ ta' **<u>€9,348.52</u>**, VAT eskluż, ta' prodotti mibjugħa ... u li aħna ma ħadniex pussess tagħhom lura u li allura għadhom pendenti u dovuti lill-kumpannija." *Fl-affidavit ma spjegatx ir-raġuni 'l għala l-kumpannija ma ħaditx pussess ta' dawn l-*appliances. *In kontro-eżami meta ġiet mistoqsija 'l għala l-ħaddiema tar-rikorrenti ma kinux ġabru l-*appliances *kollha hija wieġbet illi ma ħadux lura dawk li ma kinux tagħhom **<u>u dawk li kienu tagħhom imma li kienu bid-daqqiet fuqhom</u>**. Ta' rilevanza hija li x-xhud ma qalitx illi l-ħaddiema tar-rikorrenti ma setgħux isibu xi* appliances *minn tal-kumpannija.*
2. *Michael Scerri qal illi l-*appliances *fix-*showroom *tal-intimat kienu mitfugħa bl-addoċċ, imissu ma' xulxin mingħajr support, mingħajr manwali, neqsin mill-aċċessorji tagħhom u mingħajr il-*packaging *tagħhom. Sabu wkoll oħrajn li kienu mibruxa u oħrajn li ma kinux tal-kumpannija rikorrenti fis-sens illi kienu nbiegħu direttament lill-intimat u mhux* on consignment. *Anke dan ix-xhud ma qalx illi l-ħaddiema ma setgħux isibu xi* appliances *li kienu proprjetà tagħha (għajr għal oġġett wieħed li ser jissemma ftit iktar 'l isfel).*

3. *Il-Qorti rat ukoll illi fl-email mibgħuta minn Doreen Scerri lill-intimat a fol. 86 hemm indikat illi: ma nġabrux* appliances *fl-ammont totali ta' €11,265.64 (VAT inkluż) liema* appliances *kienu* "sold without our consent" *filwaqt li fl-ittra li Jacques Scerri bagħat lill-intimat fil-21 ta' Lulju, 2020 (a fol. 96) hemm imniżżel illi "*inti unilateralment għażilt illi żżomm l-appliances kollha l-oħra li però qatt ma ħallast għalihom u li jiffurmaw parti mill-mertu tal-kawża."

*44. Min-naħa tiegħu l-intimat jgħid fir-risposta għar-rikors promutur illi fix-*showroom *tiegħu għad baqa' x'jinġabru* appliances *li l-valur kumplessiv tagħhom huwa ta' €3,439.08 (VAT inkluż) u ċioe:*

*i. 2 X HBOB (valur €280)*
*ii. Forn u microwave Simplicity u HOB (valur €1,698.47ċ)*
*iii. Built-in Refrigerator (Valur €461.29ċ)*
*iv. Built-in Refrigerator (Valur €544.32ċ)*
*v. HOB Gorenje Stainless steel (Valur €155)*
*vi. Oven Gorenje (Valur €300)*

*Ta' rilevanza hija illi l-intimat ma jgħidx li* ***ma hemmx*** **appliances** *oħra illi laħqu nbiegħu u li allura l-prezz tagħhom huwa dovut lir-rikorrenti. Jagħti biss elenku ta' dawk l-*appliances *li jgħid li għadhom fil-pussess tiegħu. Fil-fatt fl-affidavit tiegħu stess huwa jnaqqas il-valur tal-*appliances *li għandu fil-pussess tiegħu mill-bilanċ ta' €7,648.03 li jfisser illi qiegħed jaċċetta illi l-kumplament tal-bilanċ, ossia dak kalkolat minnu bħala €4,208.95, verament jirrappreżenta l-valur tal-*appliances *mibjugħa lilu* on consignment *u li ma ġewx ritornati lura lir-rikorrenti għaliex inbiegħu lil terzi.*

*45. Kollox ma' kollox il-Qorti hija propensa temmen illi dak illi ġara kien illi (i) ir-rikorrenti ma ġabritx numru konsiderevoli ta'* appliances *għaliex dawn ma setgħux jinstabu, u (ii) dawk li kienu tagħha u ma nġabrux għaliex kien fihom daqqiet jew kienu mibruxa. Fir-rigward ta' dawn tal-aħħar, għar-raġunijiet ġia msemmija r-rikorrrenti m'għandhiex dritt li tirrifjuta l-ġbir lura tagħhom u titlob il-prezz tagħhom. Semmai hija tista' tkun intitolata għad-danni wara li titlob ir-restituzzjoni tal-oġġetti u ssib illi dawn ġarrbu ħsara jew iddeterjoraw bi ħtija tal-intimat.*

*46. Il-kompitu tal-Qorti għalhekk huwa li tindividwa dawk l-*appliances *u proprjetà tar-rikorrenti li għadhom fil-pussess tal-intimat u li allura jistgħu jinġabru lura.*

*47. Il-Qorti madanakollu tara li hemm nuqqas serju ta' identifikazzjoni ta' dawk l-*appliances *li skont l-intimat ma nġabrux mir-rikorrenti. Kien jinkombi fuq l-intimat illi darba aċċetta (fn. 17 fol. 115F) li l-*appliances *kollha huma elenkati f'Dok. DS1 – DS11 (fn. 18 fol. 26-49) huma dawk li ġew mgħoddija lilu* on consignment *matul ir-relazzjoni*

*kummerċjali mar-rikorrenti, allura jġib prova billi jidentifika b'mod preċiż dawk l-*appliances *minn Dok. DS1 – DS11 illi għadhom fil-pussess tiegħu u idealment ukoll jiddepożitahom b'ċedola fir-Reġistru tal-Qorti sabiex jipprotesta n-nuqqas ta' aċċettazzjoni tagħhom mir-rikorrenti. Mil-lista ġenerika indikata fir-risposta u fl-affidavit tal-intimat il-Qorti tista', mhux bi ftit diffikultà, tidentifika biss oġġett wieħed illi jista' jingħad fuq bilanċ ta' probabilitajiet illi tabilħaqq jappartjeni lir-rikorrenti. Hawnhekk il-Qorti qed tirreferi għall-*Built-in Refrigerator *ta' valur ta' €461.29 (esskluż il-VAT u mhux inkluż il-VAT kif allegat mill-intimat) li jikkombaċja mal-prodott Gorenje B/I combi Ref (Model RK14256W) immarkat bħala numru 42 fil-lista DS22 a fol. 62.*

*48. Lanqas ma saret xi forma ta' identifikazzjoni mill-Inġinier Renzo Curmi ta' dawk l-*appliances *li wettaq l-ittestjar fuqhom.*

*49. Kien ikun aktar għaqli għall-intimat li tenut kont in-natura tan-negozju jieħu ħsieb li l-*appliances *li jirċievi mir-rikorrenti matul is-snin u ċ-ċaqliq tagħhom (kemm jekk jinbiegħu lil terzi u kemm jekk jiġu rritornati lura lir-rikorrenti) jiġu debitament reġistrati u dokumentati b'manjiera idoneja sabiex jiġu evitati ekwivoċi ta' x'*appliances *għadhom fil-pussess tiegħu u x'fadal pendenti. Fil-każ odjern, it-teżi fornita mill-intimat hija bbażata merament fuq provi fjakki li mhumiex effettivi u ma jaġevolawx il-linja difensjonali tiegħu.*

*50. Għalhekk il-Qorti sejra tqis illi mill-*appliances *kollha li ma ġewx ritornati lura lir-rikorrenti kif indikati f'Dok. DS 22 (fn. 19 fol. 61-62) huwa biss il-prodott Gorenje B/I Combi Ref. (Model RK14256W) li għandu jiġi ritornat lura lir-rikorrenti minflok ma l-prezz tiegħu jitħallas lilha. L-ammont ta' €461.29 (li bil-VAT jiġi €544.32) irid għaldaqstant jitnaqqas mill-bilanċ (li huwa kalkolat bil-VAT inkluż) dovut lir-rikorrenti.*

*51. Għajr għat-tnaqqis imsemmi, mill-bilanċ ta' €11,031.25 ikkalkolat fid-dokument DS21 (fn. 20 fol. 60) (li allura issa jammonta għal* ***<u>€10,486.93</u>*** *bil-VAT inkluż) il-Qorti ma tirriskontra xejn li jdgħajjef il-kalkoli tar-rikorrenti. Anzi, ħarsa fid-dettall tal-valur tal-*appliances *li huma elenkati f'Dok. DS21 kif jidhru fil-fatturi oriġinali u anke fil-prospett a fol. 83-85 turi li jekk xejn l-ammont għandu jkun ftit iżjed minn dak kalkolat mir-rikorrenti.*

*52. Hija korretta wkoll ir-rikorrenti li titlob il-VAT fuq il-prezz oriġinali tal-*appliances *stante illi dawk li m'hemmx prova li jinsabu fil-pussess tal-intimat għandhom jiġu meqjusa li nbiegħu lil terzi.*

Id-differenza bejn l-ammont dovut u l-ammont mitlub fir-rikors promutur

*53. Matul ix-xhieda ħareġ b'mod ċar illi inizjalment kien hemm żball fil-konteġġi tar-rikorrenti billi fir-rikors promutur hija talbet is-somma ta'* ***<u>€12,567.04</u>*** *mentri* ex

admissis *hija fil-fatt qed titlob l-ammont ta'* ***<u>€11,031.25ċ</u>****. Il-Qorti però kienet tistenna illi f'xi ħin jew ieħor matul il-kors tal-kawża r-rikorrenti tippreżenta nota ta' riduzzjoni li permezz tagħha formalment tnaqqas l-ammont mitlub għall-ammont korrett. Ir-riduzzjoni fis-sorte ġġib l-estinzjoni tal-azzjoni riferibbilment għall-ammont li jkun ġie mnaqqas u bħala tali għalhekk kellha ssir b'nota* ai termini *tal-Art. 906(1) tal-Kap. 12. Żgur li ma kellhiex titħalla għall-aħħar u ssir* en passant *fin-nota ta' sottomissjonijiet finali iżjed u iżjed meta l-Qorti tara ukoll illi s-somma mitluba fl-istess nota hija fil-fatt ukoll waħda skorretta (i.e. ġie mitlub l-ammont ta' €11,301.25 minflok €11,031.25).*

*54. Il-Qorti għalhekk sejra tieħu dan in-nuqqas proċedurali in konsiderazzjoni fil-kap tal-ispejjeż.*

***<u>Deċiżjoni</u>***

***55. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimat (salv is-suespost) u tilqa' in parte t-talbiet tal-kumpannija rikorrenti, qiegħda tiddisponi mill-kawża billi:***

1. ***tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' għaxart elef mija u sitta u tmenin Euro u tlieta u disgħin ċenteżmu (€10,486.93) bil-VAT inkluż rappreżentanti l-prezz ta'*** **appliances** ***mibjugħa u konsenjati lilu*** **on consignment** ***liema*** **appliances** ***m'għadhomx fil-pussess tal-istess intimat u għalhekk għandhom jiġu meqjusa li ġew mibjugħa;***
2. ***tordna lill-intimat iħallas dan l-ammont lir-rikorrenti flimkien mal-imgħax fuq l-ammont imsemmi dekorribbli mid-data tal-preżentata tal-kawża sad-data tal-effettiv pagament;***
3. ***tordna ukoll lill-intimat jirritorna lura lir-rikorrenti l-*****in-built refrigerator** ***deskritta aħjar bħala Gorenje B/I combi Ref. (Model RK14256W)*** *(fn. 21 immarkat bħala numru 42 fil-lista DS22 a fol. 62).*

***Fir-rigward tal-ispejjeż, dawn għandhom jitħallsu kif ġej:***

- ***It-talba għall-ispejjeż tal-ittra uffiċjali u tal-mandat kawtelatorju qed tiġi miċħuda stante illi ma tressqitx prova tagħhom fil-kawża***
- ***L-ispejjeż tal-kawża għandhom jiġu sopportati, kwantu għal 83% tal-ammont totali mill-intimat u kwantu għal 17% mill-kumpannija rikorrenti."***

## <u>L-Appell u l-Appell Inċidentali</u>

5. Permezz tar-rikors tal-appell imressaq mill-intimat fil-15 ta' Mejju, 2023, huwa qal li ħassu aggravat bis-sentenza tal-Ewwel Qorti, u dan għaliex fil-fehma

tiegħu l-Ewwel Qorti għamlet kalkolu żbaljat tal-ammont dovut minnu. Qal ukoll li l-Ewwel Qorti naqset li tieħu konsiderazzjoni ta' *appliances* oħra, apparti l-*appliance* numerata 42 fuq id-Dok. DS 22, li ukoll kienu *on consignment,* u li s-soċjetà rikorrenti naqset li tirtira.

6. Permezz tal-ewwel aggravju tiegħu, l-intimat saħaq li d-direttriċi tas-soċjetà rikorrenti Doreen Scerri stqarret li l-*istatement* Dok. HA 1, tal-31 ta' Jannar, 2018, esebit waqt is-seduta tal-31 ta' Mejju, 2021, huwa *statement* tal-kumpannija tagħha. L-istess rappreżentanta xehdet li l-kliem *on consignment* fuq dan l-*istatement* huwa kalligrafija tagħha, u qal li meta tgħodd il-bejgħ ta' dawn l-*appliances on consignment,* tasal għall-prezz totali ta' €14,118.08ċ. Kompla jgħid li meta titnaqqas il-*credit note* ta' €1,535.76ċ imniżżla fuq l-istess *statement,* jifdal bilanċ ta' €12,582.32ċ. Qal li dan l-*istatement* is-soċjetà rikorrenti kienet bagħtitu lilu dak iż-żmien, u l-partijiet kienu qablu dwaru. Kompla jgħid li in segwitu għal dan, is-soċjetà rikorrenti kienet irtirat xi *appliances* li kienu *on consignment,* u ħarġet *credit note* ta' €4,934.29ċ. Qal li minkejja li Doreen Scerri ppromettiet li kellha tivverifika dan l-ammont f'seduta ulterjuri, dan baqa' qatt ma sar. Qal ukoll li meta titnaqqas il-*credit note* ta' €4,934.29ċ, jifdal dovut bilanċ ta' €7,648.03ċ.

7. Permezz tat-tieni aggravju tiegħu l-intimat qal li l-Ewwel Qorti naqset li tieħu konsiderazzjoni tal-*appliances* l-oħra, apparati l-*appliance* numerata 42 fuq id-Dok. DS22, li ukoll kienu *on consignment,* u li s-soċjetà rikorrenti naqset li tirtira. Qal li filwaqt li l-Ewwel Qorti rrikonoxxiet li l-kumpannija m'għandhiex dritt tirrifjuta l-ġbir tagħhom u titlob il-prezz tagħhom, peress li l-kreditur għandu dritt jitlob mhux il-prezz tal-merkanzija konsenjata, iżda l-prezz tal-

merkanzija li tkun inbiegħet u r-restituzzjoni tal-merkanzija li ma nbiegħetx, fl-istess waqt l-Ewwel Qorti qalet li l-intimat ma rnexxilux jidentifika b'mod preċiż l-*appliances* li kienu għadhom għandu, ħlief għall-*built-in refrigerator.* L-intimat qal li fuq il-bejgħ tal-*appliances* tal-marka 'Gorenje', huwa kien jinnegozja biss mas-soċjetà rikorrenti. Kompla jgħid li r-rikorrenti qatt ma kkontestat li hija ħalliet warajha xi *appliances*, meta marret fl-istore tal-intimat biex tirtira l-*appliances* li tatu *on consignment,* u li dawn kienu l-oġġetti li rrefera għalihom l-intimat anki fin-nota ta' eċċezzjonijiet tiegħu. Qal li r-rappreżentanti tas-soċjetà rikorrenti għandhom ikunu onesti u għandhom jirrikonoxxu li l-lista ta' *appliances* elenkati fin-nota ta' eċċezzjonijiet tal-appellat, jiffurmaw parti mill-*appliances on consignment.* Qal ukoll li s-soċjetà rikorrenti l-ewwel eċċepiet li r-raġuni għalfejn ċerti *appliances* ma ġewx irtirati mingħand l-intimat, kienet għaliex huwa kien għażel li jżommhom, imbagħad qalu li huma ma ħadux dawn l-oġġetti għaliex ma kinux għadhom fi stat tajjeb. Qal li l-*appliances* li s-soċjetà rikorrenti ma rtiratx jammontaw għal €3,439.08ċ, u għandhom jitnaqqsu mill-ammont dovut.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

8. B'riferiment għall-ewwel aggravju mressaq mill-intimat, is-soċjetà rikorrenti qalet li huwa prinċipju paċifiku fil-ġurisprudenza tagħna, li l-Qorti tal-Appell ma tindaħalx, ħlief f'każijiet eċċezzjonali, fid-diskrezzjoni li tkun eżerċitat l-Ewwel Qorti. Qalet li m'hemm xejn li jindika li bl-apprezzament tal-fatti li għamlet l-Ewwel Qorti, sejra ssir xi inġustizzja manifesta. Qalet ukoll li l-intimat ma talabx għal tagħrif ulterjuri mingħand Doreen Scerri, u għalhekk issa ma

jistax jinqeda b'din il-passività tiegħu stess sabiex jargumenta li l-Ewwel Qorti għamlet kalkoli ħżiena.

9. Is-soċjetà rikorrenti qalet ukoll li dak li qiegħed jgħid l-intimat m'għandux mis-sewwa, u dan għaliex mhuwiex minnu li kien hemm xi 'ftehim' li l-merkanzija kkonsenjata lilu kienet globalment tammonta għal €14,118.08, u li meta wieħed inaqqas il-*credit note* fl-ammont ta' €1,535.76ċ il-bilanċ li jifdal ikun ta' €12,582.32. Qalet li dan huwa għal kollox imxejjen fl-*affidavit* ta' Doreen Scerri u d-dokumenti esebiti miegħu, li jagħtu spjegazzjoni dettaljata ħafna tal-prodotti li ġew konsenjati lill-intimat *on consignment,* u l-konteġġi relattivi. Qalet li l-fatturi għall-*appliances* kollha li ġew ikkonsenjati lill-intimat jammontaw għal €14,048.54 (VAT esskluż), u meta jitnaqqsu l-*credit notes* ipprovduti, il-bilanċ li jifdal huwa ta' €9.348.45 (dejjem VAT esskluż). Qalet li dawn huma l-fatturi li ġew ikkonsidrati mill-Ewwel Qorti. Is-soċjetà rikorrenti spjegat li dan huwa kollu elenkat fid-dokumenti mmarkati DS21 u DS22, li jagħtu rendikont dettaljat tal-*invoices* kollha li kellhom x'jaqsmu man-negozju *on consignment* fl-ammont globali ta' €16,577.28 (VAT inkluż) u l-*credit notes* relattivi li b'kollox jammontaw għal €5,546.02 (VAT inkluż), u li meta wieħed inaqqas il-valur ta' dak konsenjat mill-valur tal-*credit notes,* iħalli ċifra ta' €11,031.25 (VAT inkluż). Qalet li din iċ-ċifra tikkorrispondi maċ-ċifra indikata fid-Dok. DS22, li jelenka l-prodotti li ġew ikkonsenjati *on consignment* li jew ma baqgħux fil-pussess tal-intimat jew li ma setgħux jinġabru. Qalet li mkien ma jirriżulta *credit note* ta' €4,934.29 kif jippretendi l-intimat, u l-valur tal-*credit notes* maħruġa kien ta' €3,398.53ċ.

10. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-intimat qiegħed jipprova jieħu vantaġġ mill-fatt li l-fatturi ta' prodotti kkonsenjati *on consignment terms* ma jinkludux fihom il-VAT, u dan għaliex dan mhuwiex negozju ta' bejgħ. Qalet li l-prinċipju regolanti dan it-tip ta' negozju huwa li prodott ipprovdut *on consignment* ma jinbiegħx, iżda jrid jiġi rritornat lil dak li ssupplixxih. Qalet li dak li jissupplixxi l-prodott għandu dritt jitolbu lura meta jrid, iżda dak li jiġi supplit bil-prodott *on consignment,* jiġi ċċarġjat il-VAT meta dan il-prodott jinbiegħ lil terzi.

11. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-intimat, is-soċjetà rikorrenti qalet li kien l-intimat li naqas milli jidentifika b'mod ċar liema huma l-prodotti mgħoddija *on consignment* li baqgħu fil-pussess tiegħu. Qalet li issa qiegħed jipprova jagħmel dan fl-istadju tal-appell, inkluż bil-preżentata ta' dokumenti annessi mar-rikors tiegħu, xi ħaġa li f'dan l-istadju m'għandhiex titħalla ssir. Qalet li l-intimat bl-ebda mod ma jindika kif l-*appliances* elenkati minnu fit-tieni eċċezzjoni, jikkorrispondu għall-*items* 7 u 32 u 1 fid-dokument DS22, għaliex xorta waħda tibqa' d-diffikultà tan-nuqqas ta' identifikazzjoni riskontrata mill-Ewwel Qorti. Qalet ukoll li jekk kien minnu li kienet hi li rrifjutat li tiġbor l-oġġetti tagħha, l-intimat seta', jekk ried, jiddepożita dawn l-oġġetti taħt l-awtorità tal-Qorti, kif kellu dmir li jagħmel.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

12. Is-soċjetà rikorrenti qalet li hija ħassitha aggravata bil-mod kif l-Ewwel Qorti ċaħdet it-talba tagħha għall-ħlas tal-ispejjeż relatati mal-ittra uffiċjali u mal-mandat ta' sekwestru abbażi tan-nuqqas ta' prova tagħhom, u kif ukoll in kwantu li allokat lilha 17% tal-ispejjeż tal-kawża. Ir-rikorrenti qalet li l-Ewwel

Qorti m'għamlet ebda konsiderazzjonijet dwar in-nuqqas ta' prova tal-ittra uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru fil-parti razzjonali tas-sentenza, u għalhekk hija tista' biss tassumi li din id-deċiżjoni hija bbażata fuq il-fatt li hija naqset milli tippreżenta kopja tal-ittra uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru fl-atti tal-kawża. Is-soċjetà rikorrenti qalet li dawn huma dokumenti pubbliċi u l-preżentata tagħhom mhijiex meħtieġa fl-atti ta' kawża pendenti. Qalet li fl-avviż promutur tagħha hija tat biżżejjed dettalji sabiex seta' jiġi stabbilit meta saret l-ittra uffiċjali in kwistjoni u meta ġie intavolat il-mandat ta' sekwestru,u għalhekk dawn id-dokumenti setgħu jiġu rintraċċati minn sempliċi tfittxija fir-Reġistru tal-Qorti.

13. B'riferiment għall-kundanna tagħha għall-ħlas tal-ispejjeż fil-perċentwali ta' 17%, ir-rikorrenti qalet li l-Ewwel Qorti spjegat li dan sar għaliex ir-rikorrenti naqset milli tippreżenta nota ta' riduzzjoni fl-atti tal-kawża a tenur tal-artikolu 906(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-artikolu 906(1) tal-Kap. 12 jitkellem dwar ir-rinunzja tal-atti ġudizzjarji li parti tkun ippreżentat, u mhux dwar riduzzjoni fl-ammont reklamat mill-parti attriċi. Qalet li r-rinunzja tal-atti u r-riduzzjoni tal-ammont tat-talba huma għal kollox distinti minn xulxin, u anke jekk *dato ma non concesso* li dan l-artikolu kellu japplika, il-liġi hija waħda fakoltattiva u mhux tassattiva, u għalhekk ma timponi l-ebda obbligu fuq xi parti li tippreżenta tali nota. Qalet ukoll li lanqas m'huwa minnu li din l-avarija nġabet a konjizzjoni *en passant* fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, għaliex hija ppreżentat l-*affidavit* maħluf ta' Doreen Scerri fejn spjegat b'mod ċar din id-differenza bejn iċ-ċifra mitluba fl-avviż promotorju, u dak li kienet qiegħda effettivament titlob. Ir-rikorrenti qalet li fil-fehma tagħha lanqas

m'huwa ġust u ekwu li hija tiġi penalizzata b'dan il-mod, meta kull ma għamlet kien li kkorreġiet ruħha b'sens ta' korrettezza u ta' ġustizzja sabiex il-Qorti tasal għaċ-ċifra korretta, li hija anqas mill-ammont mitlub minnha.

**<u>Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali</u>**

14. Fir-risposta tiegħu għall-appell inċidentali tas-soċjetà rikorrenti, l-intimat qal li din ma tistax tippretendi li l-Ewwel Qorti kellha tagħmel ix-xogħol li messha għamlet hi, jew li l-Qorti tkun hi li tieħu l-iżbriga li tagħmel ċerti verifiki fir-Reġistru tal-Qorti.

15. B'riferiment għat-tieni aggravju sollevat fl-appell inċidentali, l-intimat qal li l-Ewwel Qorti għandha diskrezzjoni dwar kif tagħmel l-ispartizzjoni tal-ispejjeż, u huwa inadwit li s-soċjetà rikorrenti tirriduċi l-ammont oriġinarjament reklamat minn €12,567.04ċ għal €11,031.25ċ (riduzzjoni ta' €1,535.79ċ), u imbagħad ma tippreżentax nota ta' riduzzjoni. Qal li għalhekk l-aggravji sollevati mis-soċjetà rikorrenti fl-appell inċidentali tagħha għandhom jiġu miċħuda.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

16. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-intimat u mis-soċjetà rikorrenti fl-appell u fl-appell inċidentali tagħhom rispettivament, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata u tas-sottomissjonijiet ppreżentati mill-partijiet fir-risposti tagħhom. Imma qabel xejn il-Qorti trid tagħmel xi osservazzjonijiet dwar l-eċċezzjoni tas-soċjetà rikorrenti li din il-Qorti, bħala qorti ta' reviżjoni, m'għandhiex

tiddisturba l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-Ewwel Qorti, u li dan mhux każ fejn jista' jingħad li saret inġustizzja manifesta ma' xi waħda mill-partijiet. Il-Qorti tirrileva li f'kull appell li jiġi ppreżentat quddiemha, hija teżamina l-provi prodotti, mhux biex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tal-Ewwel Qorti bid-diskrezzjoni tagħha, iżda sabiex tkun tista' tassigura li ssir ġustizzja mal-partijiet li jressqu appell, li naturalment jkunu ressqu appell għaliex ħassew li ma saritx ġustizzja magħhom bid-deċiżjoni li tkun tat l-Ewwel Qorti.

17. L-intimat jgħid li f'dan il-każ l-Ewwel Qorti għamlet kalkolu żbaljat tal-ammont dovut minnu, u dan għaliex hemm żbalji evidenti bejn it-talba tas-soċjetà rikorrenti u dak pretiż minnha skont l-*affidavit* tad-direttriċi tagħha Doreen Scerri. Qal li l-bilanċ li huwa fadallu jħallas huwa ferm anqas minn dak likwidat mill-Ewwel Qorti, u dan għaliex inħarġet *credit note* u kien hemm *statement* li l-partijiet qablu miegħu li kellu jitqies bħala l-prova ewlenija tal-ammont dovut minnu.

18. Il-Qorti tqis li s-soċjetà rikorrenti kienet ikkonsenjat xi *appliances on consignment* lill-intimat, u meta ġiet biex tirtira l-*appliances* li jappartjenu lilha mill-pussess tal-intimat, ma sabitx l-*appliances* kollha li kienet ipprovdietlu, u għalhekk ippreżumiet li dawn inbiegħu lil terzi, filwaqt li *appliances* oħra ma ġewx irtirati mill-impjegati tas-soċjetà rikorrenti għaliex instab li kienet ġiet ikkawżata xi ħsara fuqhom, u għalhekk ma ġewx aċċettati lura. L-Ewwel Qorti kkunsidrat li l-intimat m'għarafx jagħti elenku dettaljat ta' liema mill-*appliances* ipprovduti lilu mis-soċjetà rikorrenti kienu nbiegħu lil terzi, u liema kienu għadhom fil-pussess tiegħu, u għalhekk dan kien negliġenti fil-mod kif żamm ir-*records* tan-negozju tiegħu, b'tali mod li l-kredibbilità tiegħu sfat imnaqqsa

f'għajnejn il-Qorti. L-intimat kellu wkoll l-obbligu li jiddepożita taħt l-awtorità tal-Qorti kull *appliance* li ma ġietx irtirata mis-soċjetà rikorrenti, xi ħaġa li huwa naqas milli jagħmel. Il-Qorti kkonsidrat il-fatturi esebiti u mmarkati bħala Dok. DS1 sa DS 22 annessi mal-*affidavit* tad-direttriċi tas-soċjetà rikorrenti Doreen Scerri, fejn ġie spjegat b'mod ċar li dawn jirreferu għall-*appliances* ikkonsenjati *on consignment terms* lill-intimat. Il-valur komplessiv ta' dawn l-*appliances, bil-*VAT eskluża għaliex dan mhux meqjus bħala 'bejgħ', huwa ta' €14,048.54. Il-valur tal-*appliances* ritornati mill-intimat għaliex ma kinux inbiegħu huwa ta' €1,301.49, filwaqt li f'Novembru tal-2018, is-soċjetà rikorrenti ġabret b'kemm jiswew €3,398.53 *f'appliances* mingħand l-intimat, u ħarġet tmien *credit notes* għalihom, kif jirriżulta mid-'Dokument 21' anness mal-*affidavit* ta' Doreen Sceri. Dan ifisser li l-intimat kien għad għandu b'kemm jiswew €9,348.52 *f'appliances* li l-preżunzjoni hawnhekk hija li nbiegħu lil terzi, ladarba dawn ma nstabux fix-*showroom* tal-intimat, u għalhekk ladarba hemm il-preżunzjoni li dawn l-*appliances* inbiegħu, fuq dan l-ammont hemm il-VAT ta' 18% li jrid jiżdied, sabiex b'hekk it-total tal-valur ta' dawn l-*appliances* mibjugħa mill-intimat, huwa ta' €11,031.25. Quddiem sitwazzjoni fejn parti fil-kawża resqet quddiem il-Qorti armata bi provi dokumentarji, u l-parti l-oħra l-kawża ma kinitx kapaċi tispjega x'*appliances* żammet fil-pussess tagħha, liema *appliances* biegħet, liema mill-*appliances* li ġew ikkonsenjati mis-soċjetà rikorrenti ġew iddanneġġjati waqt li kienu fil-pussess tagħha, u liema ġew ritornati lura lis-soċjetà rikorrenti, il-Qorti bilfors ikollha toqgħod fuq il-parti li fuq bażi ta' probabbiltajiet tidher li qiegħda tgħid is-sewwa. Iċ-ċifri mogħtija mir-rappreżentanta tas-soċjetà rikorrenti jikkombaċjaw mal-ispjega mogħtija minnha u mal-kumplament tal-provi dokumentarji esebiti. L-intimat ma

rnexxilux jipprova b'liema mod u f'liema waqt is-soċjetà rikorrenti ħarġet *credit note* fl-ammont ta' €4,934.29ċ, kif jallega fl-aggravju tiegħu, u joħloq konfużjoni billi jagħmel komputazzjoni tal-valur tal-*appliances* li tinkludi l-VAT, meta huwa paċifiku bejn il-partijiet li fuq l-oġġetti li m'hemmx il-preżunzjoni li nbiegħu minnu, l-ebda VAT m'hija dovuta. F'dan ir-rigward, għandu jingħad li filwaqt li l-intimat jinsisti li fix-*showroom* tiegħu kien għad hemm b'kemm jiswew €3,439.08 f'*appliances,* huwa ma qalx kemm kien il-valur tal-*appliances* li nbiegħu minnu lil terzi u li jrid isir il-ħlas għalihom lis-soċjetà rikorrenti. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti ma tista' tirriskontra l-ebda żball fil-komputazzjoni li għamlet l-Ewwel Qorti dwar il-pretensjonijiet tas-soċjetà rikorrenti, u għalhekk l-ewwel aggravju tal-intimat għandu jiġi miċħud.

19. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-intimat jgħid li l-Ewwel Qorti kienet żbaljata meta kkonkludiet li kien hemm biss *appliance* waħda mill-*appliances on consignment,* li kienet għadha fil-pussess tiegħu, u li kellha tiġi ritornata lis-soċjetà rikorrenti. L-Ewwel Qorti spjegat li l-eżerċizzju li kellha tagħmel kien li tivverifika liema mill-*appliances* li kienu għadhom fil-pussess tal-intimat fil-fatt setgħu jinġabru lura mis-soċjetà rikorrenti u liema le, u dan in vista tal-ispjega mogħtija mid-direttriċi tas-soċjetà rikorrenti Doreen Scerri li l-intimat ikkaġuna xi ħsara fuq l-*appliances* ikkonsenjati lilu. L-intimat qal li dwar l-*appliances* tad-ditta 'Gorenje' huwa kien jinnegozja biss mas-soċjetà rikorrenti, u fil-każ in eżami r-rikorrenti kellha biss id-dritt li titlob il-prezz tal-merkanzija li nbiegħet minnu u r-restituzzjoni ta' dawk l-oġġetti li ma nbiegħux. Iżda l-Qorti tirrileva li mkien fix-xhieda mogħtija mill-intimat ma ġie spjegat liema *appliances* għadhom fil-pussess tiegħu, u liema kienu nbiegħu u lil min. In vista tal-mod

xejn rigoruż li bih l-intimat jidher li kien iżomm ir-*records* tan-negozju tiegħu, l-Ewwel Qorti ma setgħetx taqbad u tassumi li kull tagħmir tal-marka 'Gorenje' li nstab fix-*showroom* tal-intimat kien neċessarjament ipprovdut lilu mis-soċjetà rikorrenti, aktar u aktar meta f'uħud mid-dokumenti ppreżentati minnha din spjegat li uħud mill-*appliances* fl-elenku ma kienux ingħataw minnha lill-intimat *on consignment terms.* L-Ewwel Qorti spjegat li min-naħa tagħha hija għamlet eżami komparattiv bejn l-elenku ppreżentat mill-intimat tal-*appliances* li kienu għadhom fil-pussess tiegħu bil-valuri attribwiti minnu, mal-lista ppreżentata mis-soċjetà rikorrenti, minn fejn jirriżulta b'ċerta diffikultà li l-uniku *item* komuni bejn iż-żewġ listi hija l-*built-in refrigerator* tal-valur ta' €461.29, li jikkombaċja mal-prodott 'Gorenje B/l combi Ref', li huwa inkluż fil-lista tas-soċjetà rikorrenti (Dok. DS22). Din il-Qorti għamlet l-istess paragun u waslet għall-istess konklużjoni, għalkemm strettament m'hemm l-ebda *item* elenkat mill-intimat li jikkombaċja perfettament mal-lista pprovduta mis-soċjetà rikorrenti. M'hemm xejn ħażin, fin-nuqqas ta' provi aħjar, li l-Ewwel Qorti siltet il-konklużjonijiet tagħha abbażi tal-provi prodotti, speċjalment meta l-elenku pprovdut mill-intimat huwa daqstant xott mid-dettall u m'huwa sorrett minn l-ebda dettall addizzjonali, bħalma hija d-data tal-konsenja tal-*appliance* partikolari, jew in-numru tal-mudell partikolari. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq, u sejra tiċħdu.

**<u>L-Appell Inċidentali</u>**

20. Is-soċjetà rikorrenti ħassitha aggravata minħabba l-mod kif l-Ewwel Qorti għamlet l-ispartizzjoni tal-ispejjeż tal-kawża. Fl-ewwel lok qalet li ma taqbilx

mad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti li ladarba ma nġabet l-ebda prova tal-ittra uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru imsemmija minnha fir-rikors promtur, hija ma ngħatatx l-ispejjeż tagħhom. Is-soċjetà rikorrenti tikkontendi li dawn huma dokumenti pubbliċi li wieħed jista' faċilment isibhom minn sempliċi riċerka fir-Reġistru tal-Qorti, u għalhekk ma kienx hemm il-ħtieġa li hija tippreżentata dawn id-dokumenti bħala prova tal-eżistenza tagħhom.

21. Il-Qorti tqis li ladarba s-soċjetà rikorrenti resqet il-pretensjoni tagħha għall-ħlas ta' dawn l-ispejjeż, hija kellha l-oneru li tipprova kull spiża li saret minnha. Dawn id-dokumenti ma kinux xi dokumenti li s-soċjetà rikorrenti kellha xi diffikultà biex tikseb, u terġa' u tgħid il-mandat ta' sekwestru ġie ppreżentat minnha fl-istess ġurnata li ppreżentat il-kawża quddiem l-Ewwel Qorti. F'sitwazzjoni fejn dawn il-Qrati huma mgħobbijin b'ħafna kawżi, l-anqas ħaġa li parti f'kawża għandha tagħmel, hija li tippreżenta kull dokument li abbażi tiegħu qiegħda tistenna li tingħata deċiżjoni, u mhux tippretendi li tkun il-Qorti li tagħmel ix-xogħol tagħha. Għalhekk il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u sejra tiċħdu.

22. It-tieni aggravju tas-soċjetà rikorrenti huwa dwar l-ispartizzjoni tal-ispejjeż fil-perċentwali ta' 17% li hija ġiet ikkundannata tħallas mill-Ewwel Qorti, wara li din sabet li s-soċjetà rikorrenti naqset milli tippreżenta nota ta' riduzzjoni minkejja li waqt is-smigħ tal-proċeduri ġie stabbilit li l-pretensjoni tagħha kienet tnaqqset minn dak li kien ġie pretiż minnha fir-rikors promotur tagħha. L-Ewwel Qorti qalet li din id-deċiżjoni hija bbażata fuq dak li jgħid l-artikolu 906(1) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ċjoé li:

> "906. (1) Kull waħda mill-partijiet tista', b'nota ffirmata minnha jew mill-avukat tagħha, f'kull waqt tal-kawża sas-sentenza definittiva, tirrinunzja għall-atti illi hija tkun ippreżentat."

23. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li l-ammont pretiż mis-soċjetà rikorrenti fil-fatt ġie korrett mhux fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, kif qalet l-Ewwel Qorti, iżda fl-*affidavit* ta' Doreen Scerri, li rrilevat li fit-talba oriġinali kien sar żball u spjegat il-konteġġi relttivi għall-pretensjoni tas-soċjetà rikorrenti. Fi kwalunkwe każ il-Qorti ma tqisx li kien il-każ li s-soċjetà rikorrenti kellha tiġi penalizzata għal dan in-nuqqas, li ġie kkorreġut minn esponenti tagħha permezz tax-xhieda tagħhom. Il-Qorti tirrileva li l-artikolu 906(1) tal-Kap. 12 huwa wieħed fakoltattiv u mhux tassattiv, kif tgħid tajjeb is-soċjetà rikorrenti, u fi kwalunkwe każ ma kienx hemm lok għal rinunzja ta' xi att, imma kjarifika jew spjegazzjoni kienet biżżejjed. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju tas-soċjetà rikorrenti huwa ġustifikat, u sejra tilqgħu in linea mal-prinċipju li l-parti telliefa għandha tiġi kkundannata għall-ispejjeż.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell tal-intimat billi tiċħdu kompletament, tiċħad l-ewwel aggravju tas-soċjetà rikorrenti, u tilqa' t-tieni aggravju tagħha, u tiddeċiedi għalhekk li l-ispejjeż kollha tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jitħallsu mill-intimat. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom jitħallsu wkoll mill-intimat.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**